# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 12 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 11**

**Rikors Ġuramentat Nru. 552/2023**

## L-avukat Dottor Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera FDC YAT TICARET ANOMIN SIRKETI v Thomas Berger bħala proprjetarju tal-yacht 'M/Y NASHIRA'

**Daħla**

1. Il-kumpannija li ressqet din il-kawża, FDC YAT TICARET ANOMIN SIRKETI ("FDC"), għandha pretensjoni kontra s-sur Berger għal bilanċ dovut, skont ma tgħid FDC, għal manutenzjoni u tiswijiet fuq il-*yacht* M/Y Nashira. Din il-kawża mhix biex jiġi dikjarat li hemm bilanċ dovut u biex is-sur Berger jiġi ordnat iħallas dak il-bilanċ. Minflok din il-kawża hi biex FDC tikseb ordni mill-qorti biex ma jsirx negozju fuq jew mal-bastiment in kwistjoni sakemm tiġi deċiża l-pretensjoni fil-mertu ta' FDC. Fi kliem ieħor din hi kawża

biex FDC tikseb miżura kawtelatorja, u tressqet (għallinqas fil-fehma ta' FDC)[1] skont l-art. 37 tal-Kap. 234.

2. Il-pretensjoni fil-mertu ta' FDC tressqet fi proċeduri arbitrali.

**Ir-rikors ġuramentat**

3. It-tabiet ta' FDC huma mibnija fuq dawn il-premessi:

i. Illi kif jirriżulta mit-*transcript of register* anness bħala **Dok A**, il-konvenut huwa propjetarju tal-*yacht* bl-isem **'M/Y NASHIRA'** liema *yacht* huwa rreġistrat Malta u għandu n-numru uffiċjali 14545;

ii. Illi s-soċjeta' esponenti **FDC YAT TICARET ANONIM SIRKETI** hija kumpanija Torka involuta fil-kostruzzjoni u ristrutturar ta' *yachts*;

iii. Illi s-soċjeta' esponenti u s-Sur Thomas Berger daħlu fi ftehim biex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija fuq il-*yacht* **M/Y NASHIRA** (Numru Uffiċjali: 14545) hekk kif jidher mill-kuntratti ta' manutenzjoni u tiswija hawn annessi u immarkati bħala **Dok B** u **Dok C**, li ġew ffirmati mill-partijiet fil-ħamsa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (25/11/2021) u fl-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (14/03/2022) rispettivament;

iv. Illi l-valur tax-xogħlijiet ammonta għal erba' mija u tmintax-il elf u ħames mitt ewro (€418,500) li kellhom jitħallsu f'porzjonijiet fid-dati speċifikati fil-klawżola 2.2 tal-kuntratt datat l-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (14/03/2022). Il-ħlas finali kellu jitħallas fil-ħmistax ta' Awissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (15/08/2022).

v. Illi fl-ewwel ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (01/11/2022), il-partijiet daħlu fi ftehim '*Addendum One'* dwar l-estensjoni tad-data tal-konsenja, il-penali fil-każ tan-nuqqas ta' konsenja tax-xogħlijiet pendenti, u l-ħlas tal-ammont totali pendenti, liema ftehim qed jiġi hawn anness u immarkat bħala **Dok D.** F'dan il-ftehim, is-Sur Berger irrinunzja għall-penali li kienu akkumulaw taħt il-kuntratti ta' manutenzjoni u tiswija ;

vi. Illi fis-sbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (17/11/2022) il-partijiet daħlu f' '*Escrow Agreement'* sabiex il-bilanċ li jifdal ta' tlieta u disgħin elf ewro (93,000) jiġi rilaxxat mis-sid. L-Escrow Agreement li qed jiġi hawn anness u immarkat bħala **Dok E**;

vii. Illi minkejja li tlestew ix-xogħlijiet, u li saret il-konsenja tal-*yacht* kif jidher mill-'*Protocol of Delivery and Acceptance*' li ġie ffirmat mill-partijiet fid-disgħa ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (9/12/2022), hawn anness u immarkat bħala **Dok F**, il-fondi ma ġewx rilaxxati minn *Escrow* u għadhom pendenti fid-dawl tal-oppożizzjoni minn sid il-*yacht*. Illi tali oppożizzjoni hija illegali kif se jiġi ppruvat fil-proċeduri rilevanti fit-talba fuq il-mertu;

viii. Illi fid-dsatax ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (19/12/2022) ġie ordnat stħarriġ permezz tal-Qrati uffiċjali ta' Bodrum, fejn il-Qorti ħatret surveyor. L-istħarriġ uffiċjali li sar mill-Qrati ta' Bodrum, li qed jiġi hawn anness u immarkat bħala **Dok G,**

[1] Jingħad hekk għaliex, kif ser naraw, is-sur Berger jgħid li t-talbiet ma sarux skont l-art. 37 tal-Kap 234.

jikkonferma li l-*yacht* huwa sigur biex jinnaviga, li ma kien hemm l-ebda problemi bil-magna u l-ġeneraturi, iżda li nstabu xi nuqqasijiet minuri (*snags*), li jammontaw għal elf tliet mija u għoxrin ewro (€1,320) li kellhom jitnaqqsu mill-bilanċ totali li għandu jitħallas minn sid il-bastiment lis- soċjeta' esponenti;

ix. Illi aktar minn hekk, saru testijiet taħt il-patroċinju tal-klassi internazzjonali RINA. RINA żaret il-*yacht* f'ħames okkażjonijiet separati matul il-perjodu ta' tiswija u fl-aħħar bagħtet rapport tal-istħarriġ. Ir-rapport uffiċjali tal-istħarriġ, li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dok H**, juri biċ-ċar li l-ispezzjonijiet meħtieġa twettqu mill-klassi u n-nuqqasijiet ġew iffinalizzati;

x. Illi fi kliem ieħor, ma hemm ebda raġuni valida li tiġġustifika n-nuqqas ta' ħlas tal-bilanċ imsemmi

xi. Illi dan kollu li ngħad sejjer jiġi muri aħjar f'kawża fil-mertu;

xii. Illi s-soċjeta' esponenti għandha suspett illi il-konvenut ser ibiegħ il-*yacht* **'M/Y NASHIRA'.** Jekk jiġri dan, is-soċjeta' esponenti ser tbati preġudizzju kbir stante li l-azzjonijiet legali disponibbli għas-soċjeta' esponenti jiġu mxejna b'mod konsiderevoli jekk il-*yacht* jiġi mibjugħ**;**

xiii. Illi dan premess, jirriżulta illi l-vertenza tal-partijiet odjerni tirrigwarda pretensjonijiet li jikkwalifikaw skont l-Artiklu 742 B tal-Kap 12, *inter alia* stante li tinvolvi *"kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta' vapur*";

xiv. Illi inoltre, l-istess azzjoni tikkwalifika taħt l-Artiklu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-sid tal-*yacht*, li kontriha is-soċjeta' esponenti għandha pretensjoni, kienet u għadha l-istess kemm fi żmien meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, kif ukoll meta tressqet il-pretensjoni;

xv. Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti *nomine* qed iressaq it-talba tiegħu sabiex din l-Onorabbli Qorti tipprojbixxi kull negozju in konnessjoni mal- u/jew fuq il-*yacht* **M/Y NASHIRA** u dan sabiex il-pretensjonijiet li għandha s-soċjeta' esponenti ma jiġux preġudikati.

4. Għal dawn ir-raġunijiet, FDC talbet lill-qorti:

i. Tordna Ii ma jsir l-ebda negozju ta' kwalsiasi natura fuq u jew mal-*yacht* bl-isem **M/Y NASHIRA** liema *yacht* huwa rreġistrat hawn Malta u għandu n-numru uffiċjali 14545, u f'kull sehem fl-istess *yacht* inkluż li jiġi pprojbit li jiġu kkostitwiti ipoteki navali u jew li jinħareg *deletion certificate*, u dana taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li timponi.

ii. Tordna illi kull ordni magħmula minn din l-Onorabbli Qorti tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Baħrin a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut ...

## Ir-risposta ġuramentata

5. Is-sur Berger irrisponda hekk:

i. **ILLI** preliminarjament l-ewwel talba tar-rikorrenti noe. hija mproponibbli peress illi m'hix konformi ma' dak dedatt mill-artikolu 37(1) tal-Kap 234 tal-Ligjiiet ta' Malta u ghalhekk t-talbiet odjerni ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti noe;

ii. **ILLI** minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tar-rikorrenti noe. huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra rikorrenti noe;

iii. **ILLI** hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza, ma jissusistux l-elementi li huma rikjesti mill-ligi sabiex abbazi taghhom din l-Onorabbli Qorti tista' tohrog ordni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. **ILLI** l-ammont pretiz m'huwiex *prima facie* dovut mir-rikorrenti u t-talbiet tar-rikorrenti noe. ghandhom jigu michuda;

v. **ILLI** fi kwalunkwe każ, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Initmati noe. jitlob illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' l-ordni taħt l-artiklu 37 tal-Kap. 234, ikun opportun illi dina l-Onorabbli Qorti timponi kundizzjoni ossia obbligazzjoni fuq ir rikorrenti noe. sabiex dan jipprovdi, fi żmien qasir perentorju li dina l-istess Onorabbli Qorti tiffissa, garanzija adegwata għal danni, imgħaxijiet u spejjeż li l-Intimati noe jista' jsofri bil-ħruġ tal-ordni (u tal-ordni provizorju) a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti noe.;

## Dwar it-tifsira ta' każ *prima facie*

6. Projbizzjoni biex ma jsirx negozju dwar bastiment jew xi sehem fih tista', skont l-art. 37(1) tal-Kap. 234, tingħata 'jekk [il-qorti] jidhrilha xieraq'.

7. Il-liġi ma tfissirx il-qies li għandu jintuża meta l-qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk projbizzjoni għandhiex tinħareġ. Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-kwistjoni ta' relevanza hi jekk u, semmai, kif, il-qorti għandha tqis il-mertu.

8. Is-sur Berger jgħid li, bħala kwistjoni ta' dritt, il-qorti għandha tara jekk FDC għandhiex, fil-mertu, każ li jirriżulta *prima facie*. F'dan ir-rigward jagħmel referenza għal dak li ngħad f'*Chemoil Monde Export S.A.M. v Husky Marine Co Ltd*[2] fis-sens li:

[2] 1224/2008, deċ. 5 ta' Marzu 2009

> Skond l-Artikolu 37(2) tal-Kap. 234 ... mhux mehtieg li ssir il-prova ta' dak il-kreditu, daqs li kieku biex tinghata sentenza li tikkanonizza l-istess kreditu. Huwa bizzejjed li titressaq prova *prima facie* li l-kreditu jezisti.

9. Minn dak jiġbed il-konklużjoni li jekk il-kreditu ma jirriżultax *prima facie* allura l-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għal projbizzjoni.

10. FDC ma taqbilx. Tgħid li, biex tirnexxi t-talba tagħha, hi trid turi li għandha pretensjoni – mhux dritt – li tirriżulta *prima* facie; u li jekk tressaq tali prova, mhux miftuħ għall-qorti li tqis il-mertu. FDC tgħid hekk:

> ... l-argumenti tal-intimat noe ... huma kollha msejsa fuq stqarrijiet ta' fatt. L-intimat essenzjalment jistieden lill-Qorti ... tindaga fuq il-mertu ... [a]ktar milli jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li ***"ma teżisti ebda pretensjoni"*** l-intimat qiegħed jipprova juri li l-pretensjoni tar-rikorrenti *nomine* **fil-mertu** m'għandhiex tintlaqa' Madanakollu, huwa prinċipju stabbilit fil-liġi u fil-ġurisprudenza li ***"xogħol il-Qorti f'azzjoni bħal din miġjuba quddiemha llum m'huwiex li tiddelibera u tqis hi l-mertu tal-pretensjoni attriċi."***[3]

11. Hu minnu, kif tgħid FDC, li l-ġurisprudenza tgħid li m'għandhiex tkun il-qorti li tkun qiegħda tqis talba għal miżura kawtelatorja li tiddelibera u tiddeċiedi dwar il-mertu. Jista' jinstabu ukoll xi istanzi fejn intqal ukoll li l-qorti m'għandhiex tqis il-mertu, u mhux biss li ma tiddeċidiex dwaru. Imma l-kliem irid dejjem jitqies fil-kuntest li fih jintuża, u wieħed irid jara ukoll dak li jagħmlu l-qrati, u dak li hu mistenni minnhom.

12. Il-qrati qalu ukoll, fi bran li ġie ċċitat minn FDC u li jiġi ċitat kemm-il darba, li

> ... l-Qorti għandha tistħarreġ .. jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li ... [hemm] bażi ta' pretensjoni ...[4]

13. F'din is-silta, il-qorti ma tgħidx li jrid trid tirriżulta pretensjoni: kien ikun assurd li kieku qalet hekk. Li qalet hu li trid tirriżulta 'bażi ta' pretensjoni'.

14. Issa biex tqis hemmx bażi ta' pretensjoni, il-qorti bilfors trid tidħol fil-mertu: ma hemmx mod ieħor. Il-kwistjoni, allura, mhix jekk għandhiex tidħol fil-mertu, imma kemm għandha tidħol fih. Kif ser naraw, it-tweġiba li taw il-qrati hi li l-indaġini għandha tkun limitata biex il-qorti teskludi dawk il-pretensjonijiet li m'għandhomx ċans realistiku ta' suċċess, wara s-smigħ sħiħ.

---

[3] Nota ta' sottomissjonijiet, para. 21

[4] *Therese Mangion Galea v Desmond Stanley Stewart,* Prim'Awla, 29 ta' Lulju 2005. Dan ingħad f'kuntest ta' mandat maħruġ skont il-Kap. 12 u mhux fil-kuntest tal-art. 37(1) tal-Kap. 234. Imma, għall-finijiet tal-argument, il-qorti sejra tqis li l-kriterju jista' jitqies applikabbli anki hawn.

15. Meta qorti tiġi biex tiddeċiedi dwar talba għal kawtela, dak li jkollha quddiemha hu limitat ferm. Dwar il-liġi, il-qorti jista' jkollha xi sottomissjonijiet, u forsi tisma' argumenti mressqa bil-fomm, imma l-analiżi li tista' tagħhmel hi ta' bilfors kemxejn superfiċjali. Dwar il-provi, jista' jkollha stqarrijiet bil-ġurament, imma mhux maħsub, fi proċeduri bħal dawn, li jinżamm *trial*, u allura ma jsirux kontro-eżamijiet biex il-provi jiġu ttestjati. Ukoll, il-probabilità hi li d-dokumentazzjoni ma tkunx sħiha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jkunx għaqli li qorti tesprimi ruħha fuq il-mertu, ħlief kif ser jingħad; u hu għalhekk li l-ġurisprudenza hi fis-sens li, fi proċeduri dwar miżura kawtelatorja, il-qorti għandha tara biss (fir-rigward tad-dritt sostantiv) jekk hemmx bażi ta' pretensjoni. U hu għalhekk ukoll li, xi kultant, insibu dan il-prinċipju espress b'mod forsi wiesa' iż-żejjed, meta jingħad li l-qorti ma tistax tidħol fil-mertu, jew li għandha tara biss li hemm pretensjoni (li hu argument ftit jew wisq tawtoloġiku).

16. Kif rajna, il-qorti bilfors trid tidħol il-mertu biex tara hemmx bażi ta' pretensjoni. Iżda sabiex tiżgura li ma tmurx lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ għall-finijiet tad-deċiżjoni li trid tieħu – ċioé hemmx pretensjoni tajba biżżejjed biex timmerita li titqiegħed fiż-żgur – l-eżami tal-mertu għandu jkun limitat biex il-qorti tara jekk il-każ hux tali li jqajjem kwistjoni ta' dritt jew ta' fatt – jew it-tnejn – li għandu jiġi deċiż wara indaġini sħiha; jew, jekk wieħed iqis il-kwistjoni minn ottika differenti, jekk il-każ hux frivolu jew vessatorju. Meqjus dan, il-qorti għandha tieqaf hemm.

17. Għalkemm f'kuntest ta' liġi differenti minn tagħha, dak li ntqal f'dan ir-rigward f'*American Cyanid Co v Ethicon Ltd*[5] jista' jkun ta' għajnuna biex jiġi ċċarat dak li jingħad fil-ġurisprudenza tagħna fi kliem differenti. Il-kuntest ta' dritt kien dan. Il-qorti ta' l-ewwel grad u l-Court of Appeal qiesu li, fi kwistjoni kawtelatorja, d-dmir tal-ġudikant kien (*inter alia*)[6] li jieħu pożizzjoni dwar il-mertu fuq il-provi u s-sottomissjonijiet (limitati) quddiemu. Fi kliem ieħor, kellu jiddeċiedi kif kien jiġi deċiż il-każ, fuq bażi ta' probabilità, li kieku l-provi u l-argumenti legali kienu dawk quddiemha. Il-*House of Lords* sabet li din kienet pożizzjoni żbaljata. Lord Diplock qal hekk:

> ... this authority was treated by ... the Court of Appeal in the instant appeal as leaving intact the supposed rule that ... it has ... been satisfied that if the case went to trial upon no other evidence than is before the court at the hearing of the application [for injunctive relief] the

[5] [1975] A.C. 396 f'paġni 407 - 408
[6] Hemm test ieħor, dak tal-bilanċ ta' konvenjenza, li mhux relevanti għalina.

> plaintiff would be entitled to judgment for a permanent injunction in the same terms as the interlocutory injunction sought.
>
> Your Lordships should in my view take this opportunity of declaring that there is no such rule. The use of such expressions as "a probability," "a prima facie case," or "a strong prima facie case" in the context of the exercise of a discretionary power to grant an interlocutory injunction leads to confusion as to the object sought to be achieved by this form of temporary relief. The court no doubt must be satisfied that the claim is not frivolous or vexatious, in other words, that there is a serious question to be tried.
>
> It is no part of the court's function at this stage of the litigation to try to resolve conflicts of evidence on affidavit as to facts on which the claims of either party may ultimately depend nor to decide difficult questions of law which call for detailed argument and mature considerations. These are matters to be dealt with at the trial. One of the reasons for the introduction of the practice of requiring an undertaking as to damages upon the grant of an interlocutory injunction was that "it aided the court in doing that which was its great object, viz. abstaining from expressing any opinion upon the merits of the case until the hearing": *Wakefield v. Duke of Buccleugh* (1865) 12 L.T. 628, 629. So unless the material available to the court at the hearing of the application for an interlocutory injunction fails to disclose that the plaintiff has any real prospect of succeeding in his claim for a permanent injunction at the trial, the court should go on to consider whether the balance of convenience lies in favour of granting or refusing the interlocutory relief that is sought.[7]

18. Dan hu, in effett, dak li jgħidu s-sentenzi tagħna dwar miżuri kawtelatorji;[8] u l-qorti sejra għalhekk tapplika dan il-metru. Għalhekk irridu naraw jekk FDC ressqitx prova suffiċjenti biex jingħad li għandha każ serju biex imur għal *trial*; jew, minn ottika differenti, jekk is-sur Berger irnexxilux juri li l-każ kontrih hu jew frivolu jew vessatorju.

**Dwar jekk FDC għandhiex bażi ta' pretensjoni**

19. Diffiċli jingħad li FDC għandha 'bażi ta' pretensjoni', anki jekk il-każ tagħha titqies biss fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni mressqa minnha, u ma jitqiesux il-provi mressqa mis-sur Berger. Tant hu hekk li biex tikkonvinċi lill-qorti li għandha pretensjoni li timmerita *trial* FDC kellha taqa' għal sottomissjonijiet – ikkonfermati bil-ġurament - li mhux biss mhumiex sostnuti mill-provi minnha stess imressqa, imma talli huma żvijanti, jekk mhux ukoll kontradetti mill-istess provi.

20. F'para 5 tar-rikors ġuramentat jingħad hekk:

> Illi fl-ewwel ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (01/11/2022), il-partijiet daħlu fi ftehim '*Addendum One*' dwar l-estensjoni tad-data tal-konsenja, il-penali fil-każ tan-

---

[7] Ġew esklużi mill-bran xi elementi li huma strettament ta' dritt ingliż, u dan biex, għall-finijiet preżenti, il-bran jinftiehem aħjar.

[8] Eskluż il-punt fl-aħħar sentenza dwar il-*balance of convenience* – kunċett li, għalkemm imfisser fi kliem differenti, jidher li hu relevanti biss, fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni skont il-Kap. 12, fejn jidħlu l-awtoritajiet kostituzzjonali, il-Gvern u xi orħrajn: ara art 873(2) tal-Kap. 12. Mhux eskluż, però, li dan il-kunċett jiġi applikat fil-kuntest ta' talbiet skont l-art. 37 tal-Kap. 234.

> nuqqas ta' konsenja tax-xogħlijiet pendenti, u l-ħlas tal-ammont totali pendenti, liema ftehim qed jiġi hawn anness u immarkat bħala **Dok D.** F'dan il-ftehim, is-Sur Berger irrinunzja għall-penali li kienu akkumulaw taħt il-kuntratti ta' manutenzjoni u tiswija;

21. Iżda, fl-Addendum One,[9] dak li kienu ftehmu l-partijiet kien li (i) sad-data l-ġdida prospettata biex jiġi kkonsenjat il-*yacht* ' ... a total of EUR 105,000 will accrue under both Contracts as a penalty ..."; u (ii) li '[t]he Owner accepts and undertakes to waive this Penalty, provided that the Vessel is delivered by the Contractor until 22nd November 2022."

22. Para 5 jagħti impressjoni ħażina in kwantu jgħid li l-partijiet ftehmu dwar 'il-penali fil-każ ta' nuqqas ta' konsenja'. Iżda l-ftehim dwar il-penali kien ġa qiegħed fil-ftehim ta' qabel, dwar it-tiswijiet. Dak li ġie miftiehem fl-Addendum One - jew aħjar rikonnoxut minn FDC - kien l-ammont ta' penali li kien ġa akkumulat taħt il-ftehim anteċedenti, u li kien għad irid jakkumula sad-data l-ġdida, dejjem taħt dawk il-kuntratti.

23. Iktar serja hi l-aħħar kostatazzjoni fattwali ta' FDC fejn jingħad li fl-Addendum One "is-Sur Berger irrinunzja għall-penali li kienu akkumulaw taħt il-kuntratti ta' manutensjoni u tiswija".

24. Dan mhux minnu. Meta ffirma l-Addendum One, is-sur Berger ma rrinunzja għal xejn. Intrabat li jirrinunzja, fil-futur, mhux biss għall-penali li, sa dakinhar tal-Addendum One, kien ġa akkumulaw, iżda ukoll għall-penali li għad kellhom jakkumulaw, imma taħt kondizzjoni: u ċioé li l-*yacht* jiġi kkonsenjat sat-22 ta' Novembru 2022.

25. L-Addendum One ddispona ukoll (ara klawżola 7) li jekk il-bastiment ma ġiex ikkonsenjat sat-22 ta' Novembru 2022 allura l-penali titnaqqas mill-prezz taħt iż-żewġ kuntratti u, jekk ikun għad fadal bilanċ, hu dak il-bilanċ li kellu jitħallas lil FDC. U klawżola 6 ipprovdiet (*inter alia*) li jekk ix-xogħolijiet ma jkunux tlestew sal-imsemmija data, ċertu Hasan Üstün, maħtur minnhom bħala *joint surveyor,* kellu jħejji rapport sat-23 ta' Novembru 2022. Ir-rapport tiegħu kellu jkun finali, u jorbot.

26. FDC ma ressqitx kopja ta' dan ir-rapport. Minflok, FDC tagħmel referenza għal survey li sar fid-19 ta' Diċembru 2022 (ara premessa 8) u dokument maħruġ minn RINA,

[9] Dok D, paġna 17

*classification society*, datat 21 ta' Novembru 2022 (Dok H), li t-tnejn suppost li juru – preżumibbilment - li l-bastiment kien tlesta skont l-Addendum One.

27. Jekk induru għall-provi mressqa mis-sur Berger, insibu hu ressaq il-prova li FDC injorat. Dan hu r-rapport datat 23 ta' Novembru 2024 li l-*joint surveyor* kien bagħat liż-żewġ partijiet,[10] u li fih ikkonkluda hekk:

> As a conclusion ... Findings items numbers: 1, 2, 3, 5, 6 and 8 are affacting seaworthiness or safety of the vessel and require immediate attention at the presence of the RINA.
>
> Other Findings items numbers: 4, 7 and 9 are not requiring immediate attention but are to be monitored and/or dealt with at the earliest convenience and if the items can not be resolved prior to the departure the RINA is to be informed by the Owner about the finding in order to get sailing permission.

28. Dan is-survey juri li, fit-22 ta' Novembru 2022, il-bastiment ma kienx għadu lest biex jiġi kkonsejnat. Fil-fatt, kif jirriżulta minn Dok F imressaq minn FDC, il-bastiment ġie kkonsenjat lura fid-9 ta' Diċembru 2022.

29. Is-survey datat 19 ta' Diċembru 2022 ma jipprova xejn dwar l-istat tal-bastiment fit-22 ta' Novembru 2022. Fir-rigward ta' dak ta' RINA, dan ma kienx is-*survey* miftiehem mill-partijiet fl-Addendum No. 1 li kellu jsir; u, fi kwalunkwe każ, jidher li, fil-fatt, RINA ma kienitx għadha lestiet it-testijiet tagħha u ma kienitx għadha ħarġet iċ-ċertifikati meħtieġa.[11] Jiġifieri dawk id-dokumenti m'għandhom ebda relevanza kontrattwali, u t-tieni dokument lanqas jidher li jagħmel il-prova mixtieqa minn FDC.

30. FDC għalhekk ma ressqitx il-prova li kienet ftehmet hi stess dwarha għall-konsiderazzjoni tal-qorti. Injoratha, u minflok ressqet provi ta' ebda, jew ta' lanqas kważi ebda, relevanza.

31. FDC naqset ukoll tfiehem sewwa l-pozizzjoni fir-rigward tad-depożitu tal-bilanċ tal-prezz li kien sar mis-sur Berger. Kif qalet FDC, il-partijiet kienu, meta ftehmu fuq Addendum One, flimkien qabbdu li s-sur Sinan Şenol, bħala depożitarju. Dan tqabbad b'*escrow agreement* tas-17 ta' Diċembru 2022.[12] Issa skont klawżola 8.8(b) ta' dak il-ftehim, fin-nuqqas ta' konsenja tal-bastiment sat-22 ta' Novembru 2022 skont rapport ta' Hasan Üstün, allura l-penali kellha tiġi applikata kontra FDC; u billi l-penali kienet teċċedi l-bilanċ, allura

[10] Dok AC1, paġni 45 – 54
[11] Ara C2 fir-rapport ta' Hasan Üstün, paġna 53
[12] Dok E, paġni 18 - 24

l-bilanċ seta' jiġi rilaxxat favur is-sur Berger, fuq talba tiegħu. Skont ix-xhieda ta' Sinan Şenol:

> I confirm that in terms of clause 8.8b ... and in the light of the report of Mr Hasan Ustun dated the 23rd of November 2022 ...the amount placed by Mr Berger in escrow was to be returned to Mr Berger ... [13]

32. Irid jingħad ukoll li għalkemm ingħatat l-opportunità li tressaq provi biex issostni l-każ tagħha fuq bażi *prima facie*, FDC għażlet li tressaq biss affidavit tal-mandatarju tagħha li fih ikkonferma (i) dak kollu li ntqal fir-rikors promutur (inklużi d-dokumenti); u (ii) li kienu nbdew proċeduri ta' arbitraġġ f'Londra fil-mertu.[14] Il-mandatarju qal li l-fatti huma magħrufa lilu personalment.

33. Issa meta FDC ressqet dan l-affidavit, kienet ġa rat ir-risposta ġuramentata tas-sur Berger u kif ukoll ir-risposta tiegħu dwar it-talba għal miżura proviżorja, li magħha kien hemm anness ir-rapport tas-sur Üstün. FDC baqgħet siekta dwar il-mertu anki fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħha, preżumibbilment għaliex, fil-fehma tagħha, il-qorti hi prekluża assolutament milli tqis il-mertu.

34. Dan is-skiet, meqjus fid-dawl ta' dak li hemm fid-dokumenti mressqa minn FDC stess, u fil-kuntest ta' dak kollu li ntqal mis-sur Berger, iżid mal-konvinċiment tal-qorti li s-sur Berger m'għandux, kif jingħad bl-ingliż, *a case to answer*; jew, mill-perspettiva ta' FDC, li hi għandha każ serju xi tressaq. Lanqas is-suppost riżerva li għamlet FDC, fl-aħħar tan-nota tas-16 ta' Settembru 2024 ma hi suffiċjenti. FDC ingħatat l-opportunità li tressaq sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni li qed tiġi trattata hawn kemm mill-aspett proċedurali u kif ukoll mill-aspett sostantiv; u setgħet, kieku riedet, għamlet sottomissjonijiet sostantivi mingħajr preġudizzju għal dawk proċedurali. Ma ħaditx l-opportunità; li hi għażla tagħha.

---

[13] Paġna 95, fuq wara

[14] Ara affidavit ta' l-avukat Dr Nicholas Valenzia tal-14 ta' Awwissu 2024, paġna 80. Il-fatt li nbdew proċeduri arbitrali mhux kontestat.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, filwaqt li ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-sur Berger, tqis li FDC ma wrietx li għandha każ x'jitressaq, u għalhekk tiċħad it-talbiet tagħha. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, il-qorti qiegħda tirrevoka d-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2024.

L-ispejjeż tħallashom FDC.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur